MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 91/2015

**Fl-Atti tac-Cedola Nru. 1787/12 fl-ismijiet:**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**Vs**

**Elena Corduta Cristian**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mit-Tabib Principali tal-Gvern fid-19 ta' Settembru 2012 permezz ta' liema jitlob li jigi awtorizzat jizbanka minn taht l-Awtorità tal-Qorti s-somma ta' elfejn mitejn wiehed u ghoxrin Euro u tnejn u sittin centezmu (€2,221.62) depozitata mill-Lombard Bank Malta p.l.c. permezz ta' Cedola ta' Depozitu bin-Numru 1787/12 fl-ismijiet "Tabib Principali tal-Gvern v. Elena Corduta Cristian" in segwitu ghall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2297/12 fl-istess ismijiet, in kwantu huwa kreditur ta' Elena Corduta Cristian f'ammont akbar;

Rat ir-Risposta ta' Elena Codruta Cristian ipprezentata fl-14 ta' Jannar 2015 permezz ta' liema topponi ghat-talba tat-Tabib Principali tal-Gvern ghall-izbank tas-somma ta' €2,221.62 depozitata taht l-Awtorità ta' din il-Qorti bic-

Cedola ta' Depozitu bin-Numru 1787/12 u titlob li l-istess talba tigi michuda stante li l-proceduri li wasslu ghat-talba ghall-izbank huma nulli in kwantu isimha ma huwiex dak indikat fl-ittra ufficjali bin-Numru 3703/2009 u fil-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 2297/2012 u kull att iehor relattiv li permezz tieghu gew sekwestrati flus appartenenti lilha, hekk kif jider mill-Passaport taghha anness mar-Risposta bhala Dok. "C";

Rat id-dokumenti annessi mar-Risposta markati Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 21 sa' 24 tal-process;
Rat ir-Rikors ta' Elena Codruta Cristian ipprezentat fis-6 ta' April 2015 permezz ta' liema titlob l-awtorizzazzjoni sabiex tressaq Risposta Ulterjuri minhabba cirkostanzi godda li zviluppaw u rat li waqt is-seduta tat-23 ta' April 2015 gie dikjarat li l-eccezzjoni ulterjuri ta' Elena Codruta Cristian hija bbazata fuq l-Avviz Legali 201 ta' l-2004;

Rat li b'Digriet moghti fit-23 ta' April 2015 Elena Codruta Cristian giet awtorizzata tressaq Risposta Ulterjuri;

Rat ir-Risposta Ulterjuri ta' Elena Codruta Cristian ipprezentata fis-6 ta' Mejju 2015 permezz ta' liema ulterjorment topponi ghat-talba tat-Tabib Principali tal-Gvern ghall-izbank tas-somma ta' €2,221.62 stante li ghalkemm fl-2008 meta hija weldet it-trabi ma kenitx cittadina Maltija, mhux kontestat li missier it-trabi huwa cittadin Malti u sussegwentement ghat-twelid taghhom it-trabi ottjenew u saru cittadini Maltin u ghalhekk jinkwadraw perfettament taht il-kategorija specifikata fl-Artikolu 2(1)(a) u (b) ta' l-Avviz Legali 201 ta' l-2004 u skond l-Artikolu 2(1) ebda hlas ma hu dovut, **u** stante li l-ittra ufficjali mahruga kontra taghha ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll id-dikjarazzjoni guramentata annessa maghha ma fihom ebda accenn u ma giex specifikat is-servizz moghti ghalkemm ai termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi min ikun qed jintavola ittra ufficjali a tenur ta' tali artikolu tal-Ligi ghandu, apparte rekwiziti ohra, jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu;

Rat in-Nota pprezentata minn Elena Codruta Cristian fil-11 ta' Mejju 2015 permezz ta' liema esebiet vera kopja legali tal-Karta ta' l-Identità taghha li ggib in-Numru 0044936A;

Rat l-atti ta' l-Ittra Ufficjali bin-Numru 3703/09 datata 14 ta' Lulju 2009 allegati ma' l-atti ta' dawn il-proceduri;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

B'Rikors ipprezentat fid-19 ta' Settembru 2012 ir-Rikorrent jitlob l-awtorizzazzjoni sabiex jizbanka s-somma ta' €2,221.62 depozitata mill-Lombard Bank Malta p.l.c. taht l-Awtorità tal-Qorti permezz ta' Cedola ta' Depozitu bin-Nurmu 1787/12 in segwitu ghal Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2297/12 mahrug kontra l-Intimata, u dana billi huwa kreditur ta' l-Intimata f'ammont akbar.

L-Intimata topponi ghat-talba tar-Rikorrent u titlob li l-istess tigi michuda stante li: (i) l-proceduri li wasslu ghat-talba ghall-izbank huma nulli in kwantu isimha ma huwiex dak indikat fl-ittra ufficjali bin-Numru 3703/2009 u fil-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 2297/2012 u kull att iehor relattiv li permezz tieghu gew sekwestrati flus appartenenti lilha, hekk kif jider mill-Passaport taghha anness mar-Risposta bhala Dok. "C"; (ii) ghalkemm fl-2008 meta hija weldet it-trabi ma kenitx cittadina Maltija, mhux kontestat li missier it-trabi huwa cittadin Malti u sussegwentement ghat-twelid taghhom it-trabi ottjenew u saru cittadini Maltin u ghalhekk jinkwadraw perfettament taht il-kategorija specifikata fl-Artikolu 2(1)(a) u (b) ta' l-Avviz Legali 201 ta' l-2004 u skond l-Artikolu 2(1) ebda hlas ma hu dovut; u (iii) l-ittra ufficjali mahruga kontra taghha ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll id-dikjarazzjoni guramentata annessa maghha ma fihom ebda accenn u ma giex specifikat is-servizz moghti ghalkemm ai termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi min ikun qed jintavola ittra ufficjali a tenur ta' tali artikolu tal-Ligi ghandu, apparte rekwiziti ohra, jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hija dik tan-nullità tal-proceduri sollevata mill-Intimata fir-Risposta taghha pprezentata fl-14 ta' Jannar 2015. L-Intimata tikkontendi li l-proceduri li wasslu ghat-talba ghall-izbank huma nulli stante li isimha ma huwiex dak indikat fl-ittra ufficjali bin-Numru 3703/2009 u fil-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 2297/2012 u kull att iehor relattiv li permezz tieghu gew sekwestrati flus appartenenti lilha, hekk kif jider mill-Passaport taghha anness mar-Risposta bhala Dok. "C".

Mill-atti processwali jirrizulta li fl-ittra ufficjali datata 14 ta' Lulju 2009 bin-Numru 3703/09, fil-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 2297/12 u fic-Cedola ta' Depozitu bin-Numru 1787/12 l-Intimata giet indikata bhala "Elena **Corduta** Cristian" detentrici tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 44936(A) u residenti 19, Windmill Street, Valletta, filwaqt illi mill-Karta ta' l-Identità ta' l-Intimata jirrizulta li ghad illi n-numru tal-Karta ta' l-Identità taghha huwa 004936(A) u hija residenti 19, Triq l-Imtiehen, Valletta, isimha huwa "Elena **Codruta** Cristian". Li isem l-Intimata huwa "Elena **Codruta** Cristian" jirrizulta kkonfermat ukoll mill-Passaport taghha. Huwa evidenti ghalhekk li l-Intimata qed tibbaza n-nullità tal-proceduri fuq il-fatt li fl-atti u fil-proceduri li wasslu ghall-izbank tas-somma depozitata taht l-Awtorità tal-Qorti mill-Lombard Bank Malta p.l.c., il-*middlename* taghha gie indikat mir-Rikorrent bhala "Corduta" minflok "Codruta".

Il-Qorti tqis li kemm-il darba kellha tillimita l-konsiderazzjonijiet Taghha biss fuq il-mod ta' kif inkiteb isimha, u senjatament il-*middlename* taghha, minghajr ma tidhol fil-kwistjoni jekk kienx hemm dubju ragonveoli dwar l-identità ta' min kellu u fil-fatt gie interpellat ghall-hlas u fil-konfront ta' min inhareg il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv, tkun qed tadotta formalizmu rigidu li ormai ma ghadux rikonoxxut fis-sistema guridika nostrali.

Konferma ta' din l-osservazzjoni tinsab fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino v. Giuseppe Arcidiacono et noe, Appell Civili Nru.696/90** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Lulju 2007, fejn il-konvenuti f'dawk il-proceduri attakkaw il-validità ta' l-istess proceduri u tal-konvenju mertu tal-kawza in bazi ghall-pretensjoni li isem l-attur kien indikat b'mod zbaljat u kien hemm zball fl-ortografija ta' kunjom wiehed mill-konvenuti. Il-kontestazzjoni taghhom kienet li l-mod kif gie indikat isem l-attur, ossia Charles flok Carmelo Gatt Baldacchino, u l-mod kif inkiteb kunjom Renato Arcidiacono, ossia bhala Archidiacono flok Arcidiacono, wassal ghan-nullità kemm tal-proceduri nfushom kif ukoll tal-konvenju. Il-Qorti ta' l-Appell ezaminat fid-dettal il-kwistjoni tan-nullità sollevata mill-konvenuti f'dawk il-proceduri u waslet ghall-konkluzzjoni li fl-indikazzjoni ta' isem ta' persuna fi proceduri giudizzjarji – sia bhala l-parti azzjonanti fil-kaz kif ukoll bhala l-parti mharrka – l-element determinanti ma huwiex tant l-indikazzjoni assolutament korretta ta' l-isem, izda jekk bid-dettalji kif moghtija kienx hemm dubju ragonevoli o meno dwar l-identità tal-persuna: *Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Vella et v. Galea et" deciza fit-23 ta' Ottubru 1991, "Jean jew John Mifsud u Jean Missud – huma l-istess persuna. Dan ifisser li l-istess persuna hija deskritta b'mod differenti, imma fuq l-identità taghha ma hemm assolutament ebda dubju ragjonevoli. Issa daqstant iehor huwa car, ovvju u minghajr ombra ta' dubju li huma persuni li jakkwistaw drittijiet u ghandhom obbligazzjonijiet, u li l-ismijiet u l-kunjomijiet iservu biex il-persuni jigu identifikati u distinti minn persuni ohra". Is-socjetà konvenuta tissottometti li r-regoli ta' procedura ghandhom jigu osservati ad oltranza. Dan hu minnu sa' certu punt, ghax kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Aquilina v. Aquilina" deciza fil-11 ta' Marzu 1985: "it-tendenza tal-gurisprudenza moderna hija kuntrarja ghall-formalizu rigidu taz-zminijiet antiki u ma tharisx b'favur lejn dikjarazzjonijiet ta' nullità fejn m'hemmx involuti kwistjonijiet ta' ordni pubbliku u fejn in-nullità mhix komminata mill-Ligi." Dan il-principju gie enuncjat ricentement minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza "Vella v. Farrugia" deciza fil-21 ta' Gunju 2006, fejn ukoll saret referenza ghall-formalizmu rigidu ta' l-antik "minghajr rigward ghall-interessi tal-kontendenti u ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja in generali". Din it-tendenza moderna giet murija minn din il-Qorti fil-kawza "Azzopardi noe v. Vella et" deciza fis-6 ta' Ottubru 1999, li fiha accettat bhala valida ittra ufficjali li talbet ezekuzzjoni ta' konvenju, avolja f'dik l-ittra ufficjali d-data tal-konvenju kienet zbaljata. Ladarba ma kienx hemm dubju dwar il-konvenju li kien sehh bejn il-partijiet, ma kellu jirrizulta ebda nuqqas fil-procedura utilizzata. Hekk ukoll din il-Qorti fil-kawza "Galea v. Vella et" deciza fis-16 ta' April 2004, osservat li m'hemmx nullità ta' l-ittra ufficjali*

*(mibghuta in ezekuzzjoni ta' konvenju) minhabba c-cirkostanza li mart il-konvenut, li jisimha Mary Vella, giet indikata bhala "Antonia Vella" u dan peress li ma kienx hemm dubju dwar l-identità tal-persuna li kellha tkun u fil-fatt giet notifikata. Kwindi l-aggravji tas-socjetà appellanti fir-rigward ta' l-allegati "zbalji" fl-isem ta' l-attur u l-kunjom ta' Renato Arcidiacono qed jigu michuda.*

Meta l-fatti tal-kaz in ezami jigu kkunsidrati fid-dawl ta' l-insenjamenti guridici appena citati jirrizulta li l-persuna interpellata bl-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 14 ta' Lulju 2009 u kontra min inhareg il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 2297/12, bhala fatt tezisti u hija l-Intimata u minkejja l-inezatezza ta' l-isem indikat mir-Rikorrent fl-ittra ufficjali kif ukoll fil-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv, u konsegwentement mill-Bank depozitant fic-Cedola ta' Depozitu, fil-kaz in ezami ma jirrizulta ebda dubju dwar l-identità taghha, ossia jigi ribadit hija l-Intimata. In effetti minkejja l-inezatezza fl-indikazzjoni ta' isem l-Intimata, mill-Karta ta' l-Identità esebita mill-Intimata stess jirrizulta li n-Numru tal-Karta ta' l-Identità taghha u l-indirizz residenzjali taghha kif indikati mir-Rikorrent kemm fl-ittra ufficjali kif ukoll fil-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv huma korretti u effettivament huma ta' u jirreferu ghaliha.

Fid-dawl ta' dan appena osservat ghalhekk il-Qorti tqis li l-oggezzjoni ta' l-Intimata ghat-talba tar-Rikorrent ghall-izbank tas-somma ta' €2,221.62 depozitata mill-Lombard Bank Malta p.l.c. permezz ta' Cedola ta' Depozitu bin-Numru 1787/12, minnha sollevata fl-ewwel Risposta taghha ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Bir-Risposta Ulterjuri taghha l-Intimata toggezzjona ghat-talba tar-Rikorrent ghall-izbank tas-somma ta' €2,221.62 depozitata mill-Lombard Bank Malta p.l.c. permezz ta' Cedola ta' Depozitu bin-Numru 1787/12, stante li (a) fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ebda hlas ma huwa dovut a tenur ta' dak provdut fir-Regolament 2(1) ta' l-Avviz Legali 201 ta' l-2004, senjatament fid-dawl tal-paragrafi (a) u (b) ta' l-imsemmi Regolament; u li (b) id-dikjarazzjoni guramentata annessa ma' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Lulju 2009 u l-ittra ufficjali nnifisha huma nulli in kwantu ma jirrispekkjawx ir-rekwiziti – partikolarment dak ta' l-indikazzjoni tax-xorta tad-debitu – stipulati fl-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-atti processwali jirrizulta li permezz ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Lulju 2009 mahruga a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Rikorrent interpella lill-Intimata ghall-hlas tas-somma ta' €3,657.11 dovuta lilu ghal kura u servigi moghtija lilha fl-Isptar Mater Dei mis-16 ta' Dicembru 2008 sal-21 ta' Dicembru 2008. In segwitu ghal dik l-ittra ufficjali, notifikata izda mhux kontestata, u a bazi ta' l-istess ir-Rikorrent talab u fil-21 ta' Awwissu 2012 ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv kontra l-Intimata. B'Cedola ta' Depozitu pprezentata fis-7 ta' Settebmru 2012, is-socjetà Lombard Bank Malta p.l.c. ddepozitat taht l-Awtorità tal-Qorti s-

somma ta' €2,298.18, konsistenti fis-somma ta' €2,221.62 flimkien mas-somma ta' €76.59 bhala spejjez, sabiex is-somma ta' €2,221.62 tkun tista' tigi liberament zbankata minn min ghandu dritt ghaliha u fid-19 ta' Settembru 2012 ir-Rikorrent intavola r-Rikors ta' Zbank meritu ta' dawn il-proceduri.

L-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rapprezentanza legali ta' korp maghqud stabbilit bil-ligi jew b'rapprezentanza legali ta' xi kumpanija jew korp iehor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taht kull ligi, sabiex jigbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi, ikun irid jagixxi sabiex jingabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi ufficcju amministrattiv tieghu jew lil korp maghqud stabbilit fil-ligi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, cens, pizijiet ohra fuq beni, kumpens ghall-okkupazzjoni u jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti, huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur, imhallef jew magistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut; Izda d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti ghall-provvediment ta' ilma w elettriku u ghall-kiri ta' meters relatati izda ma ghandhomx japplikaw meta qabel ma tinghata n-notifika mehtiega taht is-subartikolu (2), il-persuna li minghandha l-ammont qed jigi mitlub tkun avzat lir-rikorrent sew permezz ta' att gudizzjarju jew permezz ta' ittra registrata li qieghda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provvdiment jew il-kiri ta' dak il-meter. (2) Id-dikjarazzjoni imsemmija fis-subartikolu (1) ghandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju u ghandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet gudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-Qorti tiddikjara t-talba bhala wahda infondata[1]. (3) Ir-rikors prezentat skont is-subartikolu (2) ghandu jigi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jipprezenta risposta fi zmien ghoxrin jum. Il-qorti tghaddi biex tappunta dak ir-rikors ghas-smigh f'jum li jigi wara li jghaddi dak iz-zmien. (4) F'kazijiet ta' xorta urgenti l-qorti tista', wara li jsirilha rikors mill-kreditur jew mid-debitur, tqassar kull zmien perentorju bhalma huwa provdut f'dan l-artikolu bil-mezz ta' digriet li jigi notifikat lill-parti l-ohra.*

Mill-imsemmi artikolu tal-Ligi u senjatament mis-subartikolu (2) ta' l-istess jirrizulta b'mod car li jekk id-dikjarazzjoni guramentata maghmula a tenur tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu una volta notifikata lid-debitur ma tigix minnu kontestata bil-mod u entro z-zmien previst fil-Ligi, dik id-dikjarazzjoni jkollha l-istess effett daqslikieku kienet **gudikat tal-qorti kompetenti** bil-konsegwenza ghalhekk li l-kreditur ikun jista' jghaddi ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv tieghu fil-konfront tad-debitur. Dan huwa appuntu dak li gara

---

[1] Sottolinear tal-Qorti.

fil-kaz in ezami. In effetti ghalkemm jirrizulta li l-ittra ufficjali datata 14 ta' Lulju 2009 giet notifikata, l-Intimata naqset milli tikkontesta l-istess entro t-terminu ta' ghoxrin gurnata mid-data tan-notifika previst fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bil-konsegwenza ghalhekk li illum ir-Rikorrent ghandu **titolu ezekuttiv** fil-konfront taghha, titolu li huwa qed jesegwixxi permezz tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 2297/12 mahrug fil-21 ta' Awwissu 2012.

Ladarba r-Rikorrent ghandu titolu ezekuttiv fil-konfront ta' l-Intimata l-istess Intimata ma tistax tippretendi li tikkuntrasta b'success tali titolu ezekuttiv b'opposizzjoni ibbazata fuq ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu tal-pretensjoni tar-Rikorrent fil-konfront taghha, ghaliex in effetti il-kontestazzjonijiet sollevati fir-Risposta Ulterjuri jimpingu fuq il-meritu tal-pretensjoni tar-Rikorrent fil-konfront taghha, partikolarment meta sollevati fi proceduri ghall-izbank ta' somma flus depozitati taht l-Awtorità tal-Qorti in segwitu ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv. Konferma ta' din l-osservazzjoni tirrizulta minn dak provdut fl-Artikolu 467 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li kjarament juri x'inhu ir-rimedju disponibbli ghall-opposizzjoni ghall-procedimenti taht l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta meta d-debitur ma jkunx ikkontesta l-pretensjoni tal-kreditur a tenur ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imsemmi Artikolu 467 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta in effetti jipprovdi li: *(1) Kull titolu esekuttiv mahrug skont id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu ta' l-ahhar ta' qabel dan fin-nuqqas ta' xi oppozizzjoni mid-debitur ghandu jigi revokat jekk, meta ssir talba permezz ta' rikors li jigi prezentat fi zmien ghoxrin jum mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat esekuttiv li jkun imsejjes fuq dak it-tiolu jew ta' kull att gudizzjarju iehor li fih issir referenza ghal dak it-titolu*[2]*, il-qorti tkun sodisfatta li d-debitur ma kienx jaf bin-notifika tad-dikjarazzjoni imsemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu ta' l-ahhar ta' qabel dan matul il-perijodu li fih id-debitur seta' jopponi u li t-talba li tinsab f'dik id-dikjarazzjoni tkun infondata fil-mertu. (2) Ebda oppozizzjoni hlief dik li hemm specifikatament provdut dwarha f'dan l-artikolu u fl-artikolu ta' l-ahhar ta' qabel dan ma ghandha twaqqaf il-hrug jew l-esekuzzjoni ta' xi att esekuttiv mahrug bis-sahha ta' dak l-artikolu jew ir-rifuzjoni tar-rikavat miksub minn xi mandat jew bejgh b'irkant li jsiru bi prosegwiment ta' dak l-att*[3].

Id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 467 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta hija wahda cara u l-Qorti bl-ebda mod ma tista' tinjoraha. Ladarba l-Intimata ma usufruwietx mir-rimedji u ma segwietx il-proceduri lilha disponibbli fil-Ligi – il-kontestazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jew il-kontestazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 467 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta – hija llum tinsab proceduralment u guridikament prekluza milli topponi

[2] Sottolinear tal-Qorti.

[3] Sottolinear tal-Qorti.

ghat-titolu ezekuttiv tar-Rikorrent fil-konfront taghha u ghall-esekuzzjoni ta' l-istess, partikolarment fejn tali kontestazzjoni tolqot il-meritu tal-pretensjoni tar-Rikorrent fil-konfront taghha.

Apparte dak appena osservat fir-rigward tal-procedura pretinenti ghall-hlas ta' krediti tal-Gvern, jigi osservat li anke l-Ligi procedurali generali tipprekludi lil debitur milli jikkontesta titolu ezekuttiv ottenut kontra tieghu a bazi ta' kwistjonijiet li jolqtu l-mertu tal-pretensjoni tal-kreditur fil-konfront tieghu.

Ad ezempju meta jkun qed jigi kontestat Mandat Ezekuttiv a tenur ta' l-Artikolu 281 (precedentement l-Artikolu 283A) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-gurisprudenza nostrali hija konkordi li l-ghan ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi *huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, il-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul ta' l-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra ... l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madanakollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji – il-Mandat mertu tal-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju*[4].

Ezempju car iehor johrog minn dak provdut fl-Artikolu 944(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-kondizzjonijiet ghall-izbank: *bla hsara ta' fejn il-ligi tghid xort' ohra, il-flus hekk imqieghda ma jistghux jigu zbankati, kollha jew bicca minnhom, minghajr ma jigu mharsa l-kondizzjonijiet maghmulin fic-cedola ta' depozitu, hlief jekk l-izbank isir b'esekuzzjoni ta' sentenza li tkun ghaddiet f'gudikat*[5] *jew wara kunsens espress tal-persuni interessati.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti tqis li l-oggezzjonijiet sollevati mill-Intimata ghat-talba tar-Rikorrent ghall-izbank tas-somma ta' €2,221.62 depozitata mill-Lombard Bank Malta p.l.c. taht l-Awtorità tal-Qorti permezz ta' Cedola ta' Depozitu bin-Nurmu 1787/12 huma proceduralment u guridikament inammissibbli u ghaldaqstant ma jisthoqqx li jigu milqugha.

---

4 Edward Pace v. Michael Sultana et, Rik. Nru. 287/05, pronuncjat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Mejju 2005. Schembri & Sons Ltd. v. Brian Zammit, Rik. Nru. 212/10 pronuncjat minn din il-Qorti kif presjeduta f il-5 ta' Lulju 2010.

5 Sottolinear tal-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-oggezzjonijiet sollevati mill-Intimata kemm fir-Risposta taghha pprezentata fl-14 ta' Jannar 2015 kif ukoll fir-Risposta Ulterjuri taghha pprezentata fis-6 ta' Mejju 2015, tilqa' t-talba tar-Rikorrent u tawtorizzah jizbanka s-somma ta' €2,221.62 depozitata mill-Lombard Bank Malta p.l.c. taht l-Awtorità tal-Qorti permezz ta' Cedola ta' Depozitu bin-Nurmu 1787/12, akkont tal-kreditu tieghu fil-konfront ta' l-Intimata.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-Intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------